MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 613/2002

**Lloyds (Malta) Limited, bhala rapprezentanti *ex lege* ta’ Cotesworth Capital Ltd, membri ta’ Lloyds li jifformaw is-*syndicate* bin-numru 1069 u joperaw taht l-isem H.R. Rivington & Others, Millenium Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali ta’ l-istess H. R. Rivington & Others – Syndicate 1069 kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha Studio 7 Co. Ltd u l-istess Studio 7 Co. Ltd.**

**vs**

**Talal El-Sayess**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fil-15 ta’ Ottubru, 2002 fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ elfejn, seba’ mija u erba’ liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm2,704.81) [Lm2,654.81 lill-atturi Lloyds (Malta) Limited u Millenium

Insurance Agency Limited noe u Lm50 lis-socjeta' attrici Studio 7 Co. Ltd.] in linea ta' danni minnhom sborsati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara San Gwann fl-1 ta' Ottubru 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura Nru. GAU 505 habat mal-vettura Nru. JBD 007 proprjeta' tas-socjeta' attrici Studio 7 Co. Ltd. u misjuqa minn Francis-Xavier Debono, bil-konsegwenza li dinspiccat imbuttata u mahbuta go vettura ohra proprjeta' ta' terzi – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dak l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Frar, 2002, dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Gunju, 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata b'zewg notifiki kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh ghan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, billi l-incident tat-traffiku li gara fl-1 ta' Ottubru, 2001 gewwa Triq Mikiel Anton Vassalli, (Regional Road), Msida, f'dak li jirrigwarda d-danni li gew ikkagunati fuq il-vettura numru FBH 226 assikurata ms-socjeta' attrici assikuratrici ma gewx ikkagunati mill-eccipjenti, izda mis-sewwieq tal-vettura numru JBD 007, Francis Xavier Debono, li kien habat mall-vettura FBH 226 misjuqa minn Jason Falzon, meta l-vettura GAU 505 misjuqa mill-konvenut habtet mall-vettura JBD 007.
2. Illi ghalhekk, u in vista tal-fatt illi kien hemm zewg kollizjonijiet (vide affidavit ta' Jason Falzon), id-danni subiti mill-atturi ghandhom ikunu mhallsin kollha mis-sewwieq Francis Xavier Debono (vettura numru JBD 007) u mhux mill-eccipjenti, u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tinvolvi ncident tat-traffiku illi gara fir-Regional Road, Msida, fl-1 ta' Ottubru, 2001 magenb il-Pixxina Nazzjonali, li fiha kienu nvoluti tliet karozzi. Fuq quddiem kien hemm Ford Mondeo bin-numru tar-registrazzjoni FBH 226, misjuqa minn Jason Falzon. Fin-nofs kien hemm il-vettura bin-numru JBD 007 assikurata ma' l-atturi u misjuqa minn Frank Debono u fuq wara kien hemm il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GAU 505 misjuqa mill-konvenut.

Jason Falzon qal illi dak inhar ta' l-incident, fil-karozza mieghu kellu lil Anton Vella u lil Christian Calleja, illi kienu fuq xoghol tal-Vodafone jiehdu xi *readings* minn fuq il-kompjuter. Waqaf fuq il-*continuous white line*, fil-vicinanzi tal-Pixxina Nazzjonali u hmistax jew ghoxin sekondi wara dahlet karozza fih u mmedjetament wara daqqa ohra. Pero' jikkonferma illi wara li sema' l-hoss tad-daqqa tat-tieni karozza, fuq il-karozza tieghu ma hass xejn, "Bhala skoss hassejt wiehed biss …"

Frank Debono illi kien qieghed isuq il-karozza tan-nofs bin-numru tar-registrazzjoni JBD 007, jghid, "Quddiemi kien hemm karozza bajda illi probabbilment kien wieqfa jew qed tnaqqas il-velocita' u bqajt diehel fiha. Immedjetaqment wara dahlet karozza ohra go fija minn wara … Jiena cert illi kien hemm zewg daqqiet. L-ewwel tieghi fuq il-karozza ta' quddiem u immedjetament wara l-karozza l-ohra li dahlet fija minn wara."

Anton Vella li kien fl-istess vettura ta' quddiem, bin-numru FBH 226, (fol. 54) jghid, "Li wara l-ewwel impatt il-karozza taghhom giet imbuttata 'l quddiem. Ftit minuti wara sema' brejk iehor u daqqa f'karozza … It-tieni daqqa lilna ma affettwatnix. Il-vettura taghna daqqa wahda qalet."

L-istess Christian Calleja (fol. 56) li jghid illi jiftakar il-hoss tat-tieni brejk, pero' ma jafx jekk effettivament wasslitx ghall-habta l-ghaliex ma semghax id-daqqa.

Xehed ukoll Joseph Mallia (fol. 14) bhala Managing Director tas-socjeta' attrici fejn qal li l-karozza bin-numru JBD 007, il-karozza tan-nofs, hija proprjeta' ta' Joseph Debono u hija assikurata mas-socjeta' attrici tat-tip *comprehensive*. Din il-vettura kienet involuta f'incident tat-traffiku fl-1 ta' Ottubru, 2001, sar il-*claim*, intbaghat is-*surveyor* biex jaghmel stima tal-hsarat u wara li t-tiswija giet awtorizzata hallsu d-debita kontijiet, li globalment iwasslu ghac-cifra Lm2,704.81.

Xehed is-*surveyor*, Colin Cassar, (fol. 69) fejn wara li gie mistoqsi kemm kienu l-hsarat fuq il-karozza ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, ghal dawk illi jirrigwardaw il-hsarat fuq wara, qal illi ghal dak illi huwa '*labour*' l-ammont huwa ta' Lm150, *spray* Lm115 u *parts* Lm120. Ghalhekk dawn igibu total ghal Lm385.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, minkejja illi kienu nvoluti tliet karozzi, kien hemm b'kollox zewg daqqiet. L-ewwel il-karozza ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici li dahlet fuq il-karozza ta' quddiem bin-numru FBH 226 u wara, l-karozza tal-konvenut illi baqghet diehla fuq wara ta' dak ta' l-assikurat ta' l-attur.

Il-konvenut pero' m'ghandux ikun responsabbli ghall-hsarat subiti mill-assikurat tas-socjeta' attrici fuq il-parti ta' quddiem tal-vettura peress illi dawn huma kollha kawza ta' l-ewwel daqqa illi maghha l-konvenut ma kellux x'jaqsam.

Ghalhekk, inghad mill-bidu nett illi jekk il-konvenut huwa responsabbli ghal xi hsarat, dan ghandu jkun tenut biss biex jirrispondi ghall-hsarat subiti fil-karozza ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici fuq il-parti ta' wara biss.

Ikkunsidrat:

Illi ghal dik illi hija responsabbilita', jidher illi kein hemm xi nuqqas ta' *proper look out* da parti tal-konvenut meta ma ndunax bis-sitwazzjoni illi kienet qed tizvolgi quddiemu. L-incident jidher illi sar matul il-gurnata fejn kollox kien *in plain view* u ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala ma kellux jinduna bil-karozza ta' quddiemu.

Din il-Qorti mhijiex sejra tidhol fir-responsabbilita' o meno tal-vetturi fuq quddiem, u cioe' tal-vetturi bin-umru FBH 226 u JBD 007 peress illi dawn mhumiex fil-kawza. Fil-kawza hemm biss il-konvenut illi gie tenut iwiegeb ghall-hsarat kollha subiti fil-karozza tan-nofs JBD 007.

Ir-responsabbilita' bejn Frank Debono, li kien qed isuq il-vettura bin-numru JBD 007 u Jason Falzon, li kien fuq qudidem bil-vettura numru FBH 226 mhijiex *in issue* u l-Qorti mhijeix sejra tidhol fiha.

Ghalhekk jibqghu biss iz-zewg vetturi bin-numri JBD 007 u Gau 505. Bejn dawn it-tnejn, il-Qorti jidhrilha li l-konvenut ghandu jwiegeb ghall-incident peress illi jidher illi kien hemm nuqqas ta' *proper look out* da parti tieghu.

Ghal dawk illi huma d-danni, kif gia inghad, il-konvenut ghadu jkun res responsabbli biss ghall hsarat subiti fil-karozza bin-numru JBD 007 fuq wara u cioe ghall ammont ta' tleit mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385).

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba ta' l-atturi u tiddikjara lill-konvenut responsabbli in parti ghall-incident li gara fl-1 ta' Ottubru, 2001 fi Triq Mikiel Anton Vassalli, tal-Qroqq, limiti ta' San Gwann, bejn il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni JBD 007 misjuqa minn Frank Debono u GAU 505 misjuqa mill-konvenut u dan minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regoalmenti tat-traffiku da parti ta' l-istess konvenut, tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' tliet mija u hamsa u tmenin lira Maltin (Lm385)

u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut illi jhallas dan l-ammont kif likwidat.

Bl-ispejjez illi ghandhom jinqasmu kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) mill-konvenut u erba' parti minn hamsa (4/5) mill-atturi.

Bl-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------